MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 828/1997/1

**Enemalta Corporation**

**Vs**

**John Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess koporazzjoni attrici s-somma ta’ mitejn u erbgha u tmenin Liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm284.11) rappresentanti l-prezz ta’ danni mill-konvenut ikkagunati fi proprjeta’ tal-Korporazzjoni hdejn Plot 227, Triq Taht l-Gholjiet, Santa Maria Estate, Mellieha fid-9 ta’ Gunju 1995.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 10 ta’ Mejju 1996 u l-ittra ufficjali datata Lulju 1996, oltre ghall-imghax

legali minn notifika tal-ittra ufficjali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Fl-ewwel lok li t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici stante li l-eccipjenti ma kien bl-ebda mod responsabbi ghad-danni reklamati fl-avviz.

Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess, illi l-ammont pretiz hu esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher minn diversi differimenti, risultanti b'mod specjali mill-verbali tas-seduti tas-17 ta' Gunju 2003 (fol 80 ibid) tad-19 ta' Novembru 2003 (fol 81 ibid) u tad-29 ta' Marzu 2004 il-konvenut kien inghata l-opportunita' sabiex jipproduci provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu. Pero dawn il-provi qatt ma gew prodotti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tal-<u>Korporazzjoni attrici</u> din ipproduciet is-segwenti provi in sostenn tat-talba in esami:-

a) <u>Carmelo Pace</u> (fol 12 u fol 15 et seq ibid) spjega fil-kawza tieghu mal-istess Korporazzjoni, illi fit-23 ta' Novembru 1998, kien gie milqut 'cable' appartenenti lill-Korporazzjoni attrici u sitwat fil-lokalita' msemmija fl-avviz. Meta hu kien mar fuq il-post tal-incident, kien ra u kkostata li kien intlaqat l-istess 'cable' permezz ta' kantun liema 'cable' kien sitwat ma hajt divisorju ta' villa li kienet qed tinbena. In rigward il-hsara kagunata fih, saret ir-riparazzjoni necessarja permezz ta' zewg gonot. L-istess xhud spjega ukoll li fuq il-post kien hemm 'individwu' li hu ma setax jaghraf izda li kien ammetta mieghu li kien '….

Hu stess li kien waq(q)a' kantun li kien ikkaguna l-istess hsara.
b) Silvio Decelis (fol 17 u fol 30 et seq ibid) ufficjal ammistrattiv mal-istess Korporazzjoni, esebixxa flimkien ma dokumenti ohra relatati mal-istess kaz, dikjarazzjoni ffirmata minn John Caruana ossija l-istess konvenut, u li minnha jirrisulta illi dan "… ser nghamel tajjeb ghal(l)-hsara…." kagunata fl-istess cable u obbliga ruhu li jhallas l-ispejjes kollha relattivi (ara fol 22 tal-istess atti). Inoltre dan ix-xhud specifika, kemm kienu l-ispejjes kollha relatati ghal dan il-kaz (ara fol 24 u fol 33 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi ser issir referenza ghal dak li xehed l-istess Silvio De Celis a fol 31 tal-atti ossija b'referenza ghal dak li qal in konnessjoni ma l'hekk imsejjha "Corporation Charges" ammontanti ghal '35%' u inklusi fit-talba in esami. A basi ta' dak li semma l-istess xhud u sabiex jigi minimizzat l-ammont ta' danni attwali pretiz, l-istess Qorti qeda' 'arbitrio boni visi' tirriduci l-imsemmija 'charges' ghal 10% u ghalhekk qed tnaqqas l-ammont mitlub bis-somma ta' Lm30 u b'hekk l-ammont dovut mill-konvenut ghandu jigi ridott ghal Lm254.11,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' 'in parte', t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm254.11,0 bl-imghax legali mill-31 ta' Lulju 1996 sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes, stante l-ammont ridott huwa wiehed minimu, l-istess Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas l-ispejjes kollha inklusi dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Mejju 1996 ta' dik ufficjali presentata matul Lulju 1996, imsemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------